# O Marija, O Ħelwa Bambina




Giovanni De Martino



Meta kull sena niġi biex niltaqa' magħkom f'dawn il-paġni, niltaqa' ma' żewġ diffikultajiet. L-ewwel; Jien twelidt l-Isla, tgħammidt l-Isla, bdejt nimxi, bdejt nitkellem, bdejt nilgħab, bdejt immur skola, qerrejt u tqarbint l-Isla. B'danakollu jien ma naf lil ħadd minnkom, u intom ħadd minnkom ma jaf lili. It-tieni; Jiena naħseb li ftit hemm nies l-Isla li huma ixjeħ minni. U allura niddubita jekk hemm xi ħadd li jiftakar it-Tieni Gwerra l-kbira. U allura jkun diffiċli għalikom tifhmu eżatt is-sitwazzjonijiet li nikteb fuqhom jien. Jistgħu jgħinukom films jew stampi, imma jekk ma tkunx għext is-sitwazzjoni, diffiċli tifhimha. Nagħmel li nista' biex tifhmuni aħjar.

Illum, 8 ta' Settembru 2018, qegħdin infakkru u niċċelebraw mhux biss l-erba' mitt sena minn meta waslet fostna l-istatwa ta' O Marija, O Ħelwa Bambina, imma wkoll il-75 sena minn meta l-istess Ħelwa Bambina ħelsitna minn flaġell li bħalu d-dinja ma kienet rat qatt. U nitolbu u nisperaw li qatt iżjed ma jidhru flaġelli ta' din ix-xorta. Jien mhux kompitu tiegħi ngħid jekk kinux mirakli jew kumbinazzjonijiet kif ħafna okkażjonijiet ta' ferħ dejjem seħħew f'xi festa tal-Madonna, imma hija ħaġa naqra stramba kif il-fatti huma dawk li huma. Kif se nkomplu naraw jekk immorru ħafna snin lura. Immorru lejn is-sena 1530. Dak iż-żmien l-Imperu Ottoman kien fl-aqwa tiegħu. Illum ngħidulu super potenza. U super potenza oħra kienet l-Ordni ta' San Ġwann. Kien żmien meta l-piraterija kienet mhux biss aċċettata, imma anki wkoll imsaħħa. Il-Kavallieri u t-Torok kienu qishom klieb u qtates. Min minnhom kien kapaċi jisraq l-iżjed lill-ieħor. Infatti ħafna mill-gwerer ta' bejniethom, dawn ma kinux minħabba reliġjonijiet, imma minħabba kummerċ.

L-Ordni kienet bdiet fl-artijiet imqaddsa u l-ħsieb tagħha fil-bidu kien li tilqa' u tieħu ħsieb il-pellegrini Nsara li kienu jżuru dawn l-artijiet. Imma maż-żmien, iċ-ċirkustanzi ġegħluhom isiru wkoll qawwa militari biex jiddefendu lill-pellegrini mill-fastidju tal-Mawmettani. Beda l-ġlied, bdew il-gwerer u t-Torok irnexxielhom jitfgħu l-Ordni 'l barra mill-Artijiet Imqaddsa. Il-Kavallieri sabu kenn fil-gżira ta' Rodi. Imma t-Torok ma għoġbithomx din u wara assedju aħrax qafluhom minn hemm ukoll. Għamlu erbat ijiem f'Ċipru mnejn kellhom jerġgħu jitilqu bla ma jafu fejn imorru. Wara ħafna ġiri 'l hawn u 'l hemm, ir-Re Karlu V tahom lil Malta. Il-Kavallieri kienu ġejjin minn familji nobbli u qabel ma aċċettaw l-offerta kienu bagħtu delegazzjoni ħalli jkunu jafu fejn sejrin. Id-delegazzjoni ġiet u ma għoġbithom xejn. Sħana tremenda, nuqqas kbir ta' ilma għax-xorb, nuqqas ta' siġar u djar tal-qamel. Imma kif jgħidu l-Ingliżi: *Beggars are not choosers*. Imma kellhom jagħmlu dak li ma ridux. Bil-Malti ngħidu: Kellhom jitqannew bina. U waslu hawn fl-1530. U biex inkunu għedna kollox, il-Kavallieri ġew hawn għax bilfors, imma l-Maltin ma riduhomx hawn bl-ebda mod għax kienu ħasbu li dawn il-Kavallieri se jkunu xi *Feudal Lords* bħalma kellhom qabel li kienu jisolħuhom ħajjin.

Meta l-Kavallieri waslu Malta fis-26 ta' Ottubru 1530, il-Gran Mastru L'Isle Adam u l-Kavallieri daħlu fil-Port il-Kbir biex jieħdu f'idejhom it-tmexxija tal-gżira. Imbagħad telgħu l-Imdina fejn ingħataw l-imfietaħ tal-Belt. Imma billi l-Ordni kienet primarjament forza navali, ma damux ma ħallew kollox warajhom u niżlu l-Birgu, maġenb il-baħar u fil-port li kien l-unika ħaġa li għoġbithom. Tajjeb ngħidu li flok baqgħu jġorru, il-Kavallieri xammru l-kmiem u bdew jagħmlu ħafna xogħlijiet speċjalment fejn kienet tidħol kwistjoni ta' difiża.

L-Imperu Ottoman ma għoġbitu xejn din li Malta,

f'pożizzjoni tant strateġika, kienet se tkun f'idejn il-Kavallieri li kienu magħrufin bħala baħħara tajbin ħafna. U mill-ewwel beda jberraq. Infatti mill-ewwel Malta bdiet tkun attakkata minn kursari Torok, fosthom Dragut, li kienu jagħmlu ħerba kull meta jiġu. Sebgħa u għoxrin sena biss wara l-wasla ta' L'Isle Adam, laħaq Gran Mastru Jean Parisott de Valette. Dan il-Gran Mastru kien bniedem dixxiplinat ħafna u aħrax. Kien żmien ta' hekk u kien anki qatta' xi żmien jaqdef fuq ix-xwieni bħala lsir. Kien għadda minn nar u allura bilfors kien iebes u sever. Kien iddedika ħajtu kollha għas-servizz tal-Ordni u l-motto tiegħu kien mewt iva, imma jċedi qatt. Infatti darba fi żmien l-Assedju, meta l-affarijiet ma tantx kienu sejrin tajjeb, xi Kavallieri kienu ssuġġerewlu li jabbandunaw kollox u jirtiraw għall-kenn ta' Sant Anġlu. Il-Gran Mastru mhux talli ma aċċettax, imma talli ordna li jitkisser il-pont li kien jgħaqqad dan il-Forti mal-Birgu.

Malli De Valette ħa l-pussess, mill-ewwel kompla jsaħħaħ id-difiża tal-gżira. Speċjalment madwar il-port. L-aħbarijiet li bdew jaslulu mit-Turkija ma kienu inkoraġġanti xejn. Anzi! Kienu wasslulu li t-Torok kienu qegħdin jibnu numru ta' xwieni u jlestu armi tal-glied. Il-Gran Mastru fehem li dawn it-tħejjijiet kollha ma setgħux kienu għal ħaġ'oħra ħlief biex jattakkaw lil Malta. U ma kienx żbaljat. Infatti fit-18 ta' Mejju, 1565, il-flotta Torka dehret fil-bogħod fuq ix-xefaq. Kienet flotta enormi u imponenti li nisslet biżgħa kbir fil-popolazzjoni kollha. Il-Maltin kollha, irġiel u nisa, tfal, xjuħ u morda... kulħadd ġera kemm felaħ biex jistkenn wara s-swar tal-Imdina, tal-Isla u tal-Birgu. Kien hemm uħud li marru jinħbew fl-għerien. U kulħadd ġarr miegħu dak kollu li seta' jġorr.

It-Torok ma damux ma bdew jattakkaw bil-qawwa u hawn beda l-kalvarju tal-Maltin. Imma l-istorja tal-Assedju jafha kulħadd u mhux fi ħsiebni ndejjaq lill-qarrejja billi nerġa' nirrepeti dak li jafu bl-amment. Ħafna nies tilfu ħajjithom u oħrajn baqgħu b'diżabilità għal għomorhom. Ir-raba' kien abbandunat għalkollox u kollox kien mejjet. Annimali mejtin bil-ġuħ u bil-għatx. Djar imfarrka u flus skarsi għalkollox. Kollox kien jidher mitluf u l-Maltin u l-Kavallieri kienu rrassenjaw ruħhom li jmutu għal twemminhom bħalma kienu għamlu sħabhom ta' Sant'Iermu. Imma ma kellux ikun hekk. Ftit bogħod minn Malta kien hemm flotta mdaqqsa ta' Kavallieri u suldati, miġburin mill-Ewropa kollha, li kienu fi triqithom lejn Malta. Kienet l-għajnuna li kienet ilha mwiegħda lill-Gran Mastru sa mill-bidu tal-Assedju. Issa, imma, kienet wara l-bieb. Ma kinitx armata kbira daqskemm kienu ħasbu t-Torok, imma dawn għajjenin mill-glied u mdejqin li kienu għadhom imwaħħlin hawn bi ftit suċċessi, telqu l-armi minn idejhom u bdew jaħarbu. Kien bħal-lum, 8 ta' Settembru, 1565. Il-Maltin assedjati, bil-ġuħ, feruti, għajjenin ma ridux jemmnu lil għajnejhom meta raw il-bibien tal-ibliet jinfetħu u huma jiġru barra ħielsa. Nixtieq jien nista' mmur lura għal dak il-jum ħalli nkun nista' nara l-biki ta' ferħ li kien hawn dak il-jum f'din il-Belt Invicta. Biki ta' ferħ u biki ta' dispjaċir ta' dawk li kienu tilfu lill-għeżież tagħhom. Dmugħ ta' ferħ tħallat ma' dmugħ ta' diqa. Nixtieq nimmaġina l-folla ta' Maltin imħallta mal-Kavallieri hawn ix-xatt ta' din il-belt mhux mirbuħa, iħarsu faċċata lejn ix-xatt tal-belt l-oħra, il-belt Rebbieħa u anki hemm jaraw lil ħuthom Maltin jiċċelebraw il-ħelsien tagħhom. Nimmaġina ħafna Maltin qasmu minn fuq il-pont li kien sar bejn iż-żewġt ibliet u ġrew lejn il-Birgu biex mal-Gran Mastru De Valette jmorru l-Knisja ta' San Lawrenz u quddiem Ġesù Sagramentat ikantaw it-*Te Deum* bħala ringrazzjament lil Alla li kien għażel jum it-twelid tal-Omm l-Iben Tiegħu biex ħeles lill-Maltin minn gwaj kbir.

Kelma tal-aħħar fuq din l-ewwel parti. L-ewwel bini li tela' l-Isla kienet il-knisja ċkejkna ta' San Ġiljan. Dak iż-żmien, fuq is-seba' mitt sena ilu, l-Isla iżjed kienet magħrufa bħala art fejn il-Kavallieri kienu jmorru għall-kaċċa. Imma ftit qabel l-Assedju, il-popolazzjoni kienet bdiet tikber u l-Gran Mastru Claude de la Sengle taha t-titlu ta' Belt. Matul l-Assedju kellha parti kbira fir-rebħa storika fuq l-Imperu Ottoman u fl-1580, Vittorio Cassar, ħu Ġlormu, għamel il-pjanta u nbniet il-Parroċċa bħala tifkira u ringrazzjament tar-rebħa fuq it-Torok. Mal-faċċata tal-knisja hemm lista tal-ismijiet ta' dawk il-Kavallieri li kienu tilfu ħajjithom jiddefendu l-Forti San Mikiel. Fosthom in-neputi tal-istess Gran Mastru. Imma l-Ħelwa Bambina ma kinitx għadha waslet.

Jien kont għadni tifel żgħir niġġerra mat-toroq tal-Isla meta kont nisma' ħafna rakkonti kif din l-istatwa kienet instabet il-baħar, kif aktarx kienet pulena ta' xi xini li tfarrak, kif inġabret minn xi xini ieħor, il-kaptan intalab iħalliha l-Isla u hu ma riedx. Imma kull meta pprova joħroġ mill-port kien iqum maltemp kbir u jkollu jibqa' hemm. Naħseb din l-istorja jafha kulħadd. Forsi b'xi differenzi żgħar. Jien jekk din hix leġġenda jew le ma nafx għax jien qrajt ukoll li din l-istatwa tal-injam inħadmet fl-1618 u nżebgħet tlettax-il sena wara. Min ħadimha ma nafux. Il-fatt li qed niċċelebraw l-400 sena 'mit-twelid' tagħha juri li dik li nstabet fil-baħar aktarx hija leġġenda. L-importanti li Marija Ħelwa Bambina qiegħda għandna. U iżjed importanti hu li nħobbuha u nqimuha.

Imma issa nagħmlu qabża kbira ħafna 'l quddiem u mmorru fl-20 seklu – It-tletinijiet.

L-ewwel gwerra kbira ma kinitx ilha wisq li spiċċat u l-Ġermanja kienet għadha tħossha umiljata bil-kondizzjonijiet li kienu imponew fuqha r-rebbieħa. U din l-umiljazzjoni qajmet sens kbir ta' nazzjonaliżmu fost il-poplu Ġermaniż. U meta n-nazzjonaliżmu jaqbeż ċertu limitu, isir perikoluż. Adolf Hitler, politiku Awstrijak, approfitta ruħu mis-sitwazzjoni u b'ħafna diskors feroċi beda jiġbed lejh is-simpatija u l-ammirazzjoni tal-maġġoranza umiljata. Beda jkellimhom b'Ġermanja qawwija li tmexxi l-Ewropa, beda jimlielhom rashom li l-Ġermaniżi kienu razza pura u superjuri, li huma kienu

mkasbra mill-għedewwa, u ħafna diskors minn dan. U meta poplu mdejjaq u umiljat isib bniedem bħal dan, oratur li bi kliemu kapaċi jmiss is-sentimenti tal-massa, allura jitlef ir-raġuni. Hekk ġralu l-poplu Ġermaniż fit-tletinijiet.

Fl-1939, Hitler deherlu li kien wasal iż-żmien li mill-paroli jgħaddi għall-fatti u beda jaħtaf pajjiż wieħed wara l-ieħor b'ħeffa li għaġġeb anki lill-istess għedewwa. L-armata Ġermaniża kienet okkupat il-Belġju, l-Olanda, Franza, in-Norveġja, il-Polonja, l-Awstrija, id-Danimarka u ċ-Ċekoslovakkja. U dan meta l-gwerra bilkemm kienet għadha bdiet. Sadattant lilna l-gwerra ma affettwatniex. Mussolini, id-dittatur Taljan, deherlu li issa kellu ċ-ċans li jerġa' jibni l-Imperu Ruman. Malli ra li Hitler kien jidher se jirbaħ il-gwerra, għamel diskors mill-gallarija ta' Pjazza Venezja u ddikjara li hu kien ingħaqad ma' Hitler fil-gwerra. Fl-10 ta' Ġunju ddikjara l-gwerra u l-għada bdew l-attakki fuq Malta. Imma lil Hitler, l-attakki tat-Taljani ma tantx għoġbuh u allura ddeċieda li jibgħat il-*Luftwaffe* fi Sqallija ħalli jattakkaw huma. U allura meta Hitler iddeċieda li jibgħat il-*Luftwaffe* fi Sqallija, erba' passi bogħod minn hawn Malta, kien qam ċertu paniku u biża'. U bir-raġun.

Fit-13 ta' Jannar, 1941, kienet daħlet fil-port l-Aircraft Carrier *Illustrious*. Il-Ġermaniżi kienu attakkawha fi triqitha lejn Malta u waslet hawn kemm iżżomm fil-wiċċ. L-awtoritajiet militari bdew iwissu bla waqfien lill-poplu biex malli jisimgħu s-sirena jiġru mill-ewwel għal ġox-xelters. Huma kienu jafu li l-Ġermaniżi mhux se jistrieħu qabel jgħarrqu dan il-bastiment. Infatti fis-16 ta' Jannar, ftit wara nofsinhar daqqu s-sireni u mewġa wara mewġa ta' Stukas waslu fuq il-port u bdew jiddajvjaw, rashom 'l isfel, b'tisfira tipika tagħha u jiżirgħu xita ta' bombi. U biżibilju ta' balal bdew tilgħin lejhom mill-kanuni kollha ta' Malta. Eroiżmu ma jitwemminx miż-żewġ naħat. Il-piloti Ġermaniżi jiddajvjaw, jgħaddu minn xibka ta' azzar jikwi jtir mill-isplużjonijiet ta' mijiet ta' bombi tal-kanuni, u fl-art, dawk kollu li kienu fuq il-kanuni, jisparaw bla ħniena waqt li xita ta' balal kienet nieżla fuqhom mill-ajru. Issemmew każi fejn kien hemm min waqaf iżarma l-kanuni li tant kienu saħnu li ma setgħux ikomplu.

L-*Illustrious* ma għerqitx, imma l-Kottonera kollha u l-ibliet ta' madwar kien qisu laqathom terremot. Iġġarraf



*L-attakk fuq l-HMS* **Illustrious** *nhar is-16 ta' Jannar 1941*

partita bini fosthom ir-residenza tal-Ħelwa Bambina. Inqatlu 21 persuna fosthom il-Profs. Kan. John Thewma, saċerdot żagħżugħ. U l-Arċipriet il-Kan. Dun Emmanuel Brincat jiġri fit-tifrik biex ineħħi s-Sagrament. Illum, 16 ta' Jannar, 1941, kienet verament bdiet il-gwerra.

L-għada u l-pitgħada, id-diżastru li kien laqat dawk in-naħat seta' jidher aħjar. Apparti l-vittmi, kien hemm diżastru kull fejn tħares. Il-bini għoli mwaqqa' u t-toroq, kważi kollha, imblukkati b'muntanji ta' ġebel, travi, għamajjar... kollox imfarrak. Imbagħad ma' xi ħajt li jkun baqa' wieqaf, tara xi nkwatru mdendel jitbandal bir-riħ. U riħa ta' porvli taqsam. Kien hemm ċerta arja ta' deżolazzjoni, ta' pessimiżmu u ta' biża' li min ikun għex dawn iż-żminijiet biss ikun jista' jifhimhom. Aħna, hawn il-Mosta, konna naqra bogħod, imma xorta konna nafu li xi ħaġa tal-waħx kienet qed tiġri fuq beltna. Mhux biss, imma jien kelli lil missieri u lil ħija jaħdmu t-tarzna. U ma konniex nafu hux se narawhom lura. Imma dan kien għadu l-ewwel nofs.

Infatti fid-19, tlett ijiem wara, kompla t-tieni nofs. Erġajna b'numru kbir ta' ajruplani jiżirgħu xita ta' bombi fuq l-*Illustrious*. Mhux se noqgħod nirrepeti, imma dak li kien għadu ma tfarrakx, issa kien tfarrak għalkollox. L-Isla u madwarha kienu ħerba sħiħa. U dawk li kienu reġgħu niżlu 'l isfel, u dawk li ma kinux telqu mill-bidu, issa dawk in-naħat spiċċaw deżert. Anki l-istess Ħelwa Bambina ttieħdet fil-Knisja ta' Santa Liena ta' Birkirkara ħalli tkun iżjed fis-sigur. Saħħa farrkulha d-dar, imma lilha nsalvawha. Tajjeb ngħidu li l-Arċipriet Brincat baqa' hemm jieħu ħsieb l-erba' nagħġiet li kienu baqgħu hemm. Ir-Ragħaj it-Tajjeb.

Dan l-attakk fuq l-*Illustrious* baqa' msemmi. U minn dakinhar 'il quddiem, is-sitwazzjoni baqgħet sejra mill-ħażin għall-agħar. Il-qawwiet Ġermaniżi baqa' jkollhom suċċess wieħed wara l-ieħor u fl-1942 is-sitwazzjoni f'Malta kienet iddisprata. Apparti l-attakki kontinwi, attakki li kultant kienu jdumu sejrin ġranet sħaħ. Tqum rieqed billejl, barra dlam taqtgħu b'sikkina, irwiefen, xita, sajjetti, u int ikollok tqum u tiġri fix-xelter. Fl-aħħar ma bqajniex norqdu iżjed id-dar, imma bdejna norqdu mill-ewwel fix-xelters. Hawn il-Mosta għamilna żmien norqdu fuq l-oqbra fil-kannierja li hemm taħt il-knisja. Kulħadd flimkien, xjuħ, morda, tfal, trabi...kulħadd ħallata ballata. Imma mhux dak biss. Kien hawn nuqqasijiet ta' kollox. Ġuħ u għaks. Ma kien hawn assolutament xejn. Ħobż kellna kwart u nofs kuljum. Immaġina raġel tax-xogħol bi kwart u nofs ħobż. U xejn iżjed. Petrol, żjut għall-kanuni u għall-karozzi tal-militar ma kienx hawn. Anki l-balal li jisparaw il-kanuni kienu bir-razzjon. L-awtoritajiet kienu ġa qed jippreparaw biex iċedu. Imma ma kellux ikun hekk. Għax waqt li l-Ġermaniżi ħalfu li jkissruna, l-Alleati ħalfu li jsalvawna. U l-Gvern Ingliż iddeċieda li jibgħat konvoj kbir għal Malta jkun xi jkun il-prezz.

Infatti ntgħażlu tlettax-il vapur merkantili li għabbewhom sa ruħ ommhom b'ikel, xorb, sigaretti,

bombi u b'dak kollu li l-poplu jkollu bżonn. Magħhom ingħaqad tanker Amerikan li l-President Roosevelt kien silef lil Churchill. Dan it-tanker kien bżonnjuż għax l-Ingliżi ma kellhomx tanker ħafif daqsu. Ma' dawn l-erbatax-il vapur ingħaqdet flotta li bħalha qatt ma kienet dehret. *Aircraft carriers*, *battleships*, *destroyers*, *submarines* u biżibilju ta' vapuri oħra ta' kull ġeneru. Dan il-konvoj kien imlaqqam *Operation Pedestal*. Kien inżamm sigriet assolut fuq id-destinazzjoni tiegħu.

Telaq mill-ibħra Ingliżi fit-2 ta' Awwissu u beda riesaq bil-mod il-mod lejn Ġibiltà. Malli l-konvoj beda għaddej mill-Istrett ta' Ġibiltà, il-Ġermaniżi lemħuh u qam infern sħiħ. Attakki feroċi mill-ajru, attakki feroċi minn taħt il-baħar u attakki feroċi minn fuq il-baħar. Bastimenti Ingliżi bdew niżlin fil-qiegħ b'telf kbir ta' baħrin. Imma se nqassar ftit u nduru fuq *Ohio*. Iż-żejt li kellu dan it-tanker kien se jorbot u jħoll id-destin tal-gwerra. L-*Ohio* ntlaqat għal darba, tnejn tlieta. Ġie milqut it-tmun u allura ma setgħux jimmanuvrawh. Ħa n-nar. Il-baħrin abbandunawh. Reġgħu telgħu abbord u rabtuh ma' *destroyer* ħalli tiġbdu hi. Il-wajers inqatgħu. Ġralu ħsara fil-magna u reġgħu abbandunawh. Reġgħu telgħu abbord u sewwew il-magna. Sadattant xita ta' bombi niżlin mill-ajru u nar jaqbad. Bil-mod ħafna beda riesaq lejn Malta. Kien hemm stennija kbira u meta wasal qrib ħarġu l-*ispitfires* biex jiddefenduh mill-ajru u l-kanuni kollha ta' Malta fetħu baraxx fuq il-port ħalli jkomplu jfixklu l-ajruplani tal-għadu. Pass, pass, bħal fekruna, l-*Ohio* baqa' riesaq. Sadattant ħarġu żewġ *destroyers* u ntrabtu miegħu waħda kull naħa. Hekk biss l-*Ohio* seta' jżomm fil-wiċċ. Kien midrub serjament u mingħajr din l-għajnuna kien ikun għam il-baħar kollu u għereq fix-xatt. Imma dan ma kellux ikun. U fil-15 ta' Awwissu, ġurnata sabiħa tas-sajf Malti, baħar ikħal ta' wieħed mill-isbaħ portijiet tal-Ewropa, l-*Ohio* għadda, jew aħjar għaddewh minn bejn id-dirgħajn tal-*breakwater* biex wasslilna l-iżjed ħaġa prezzjuża li kellna bżonn: iż-żejt. Tajjeb ngħidu li kien Wenzu Attard, Wenzu l-pilota li daħħal l-*Ohio* fil-port. Dan Wenzu kien mill-Birgu, refuġjat il-Mosta. Kien joqgħod eżatt quddiem oħti u wara l-gwerra baqgħu hawn. Baqagħlu tifel, Ġorġ, li joqgħod, jidhirli, Buġibba. Kellu tfal oħra kurunettisti bravi. Wieħed minnhom, Lorry, kien imlaqqam Gaffarelli għal kurunettista famuż Taljan.

Naħseb qegħdin tgħidu, imma hawn fejn tidħol il-Ħelwa Marija Bambina? U żgur li tidħol. U kif. Fil-15 ta' Awwissu, il-Ħelwa Marija ma kinitx għadha Bambina. Kienet kibret u saret il-Qaddejja tal-Mulej. U wara li għamlet xogħolha u tatna lil Binha Ġesù, ġiet imtellgħa s-sema u nkurunata fuq il-kori kollha tal-Anġli. Kumbinazzjoni oħra? Ma nafx. Iġġudikaw .

Il-wasla ta' dan il-konvoj leġġendarju llum daħal fl-istorja tagħna. *Operation Pedestal* kien imlaqqam mill-militar. Il-Konvoj ta' Santa Marija laqqamnieh aħna. U bir-raġun. Minn 14-il vapur merkantili waslu ħamsa. Bastimenti tal-gwerra li kienu jeskortawh għerqu partita u ntilfu mijiet ta' baħrin. Dan il-konvoj ħallas prezz għoli ħafna ħafna. Imma l-wasla tiegħu f'Malta kien il-bidu tat-triq tar-rebħa. Il-konvoj mhux biss reġa' tana ftit nifs ieħor f'dak li kien ikel u munizzjon, imma mliena b'kuraġġ kbir biex inkomplu ftit ieħor.

Wara l-wasla ta' dan il-konvoj, is-sitwazzjoni nbidlet għalkollox. Bħal karozza li taqbad in-niżla, dejjem iżżid fil-ġiri. U hekk ġara f'dal-każ. L-attakki mill-ajru bdew jonqsu u l-poplu ħa ċertu nifs 'il ġewwa. Il-gwerra kienet għadha sejra bil-ħruxija kollha tagħha, imma hawn Malta beda jidher xaqq ta' dawl qawwi minħabba l-aħbarijiet li l-Italja kienet tidher li ma tantx kien baqgħalha ħajja twila fil-gwerra. U waslet is-sena 1943. Konna nisimgħu li kien hemm ġlied feroċi kemm fuq il-kontinent kif ukoll lejn il-Ġappun. Imma hawn Malta komplejna nittamaw.

Wasal Settembru tal-1943 u, naturalment, dax-xahar ifakkarni mill-ewwel fil-Ħelwa Bambina li kienet għadha 'rikoverata' Birkirkara. Matul il-gwerra l-festa kienet tkun iċċelebrata f'parroċċi oħra bogħod mill-periklu. Iċċelebrata, naturalment, b'mod ristrett ħafna. Imma nsomma, kien isir xi ħaġa. Issa li s-sitwazzjoni nbidlet ħafna, l-Arċipriet il-Kan. Dun Emmanuel Brincat, xtaq iġib lura l-Ħelwa Bambina u jagħmlu xi ħaġa f'beltha stess. L-Isla. Kien laqqa' l-Kapitlu f'każin tal-Banda l-Ħamrun u spjegalhom ix-xewqa tiegħu. Ħadd ma ried jerfa' responsabbiltà. Allura hu offra li joħodha hu personali din ir-responsabbiltà, u huma aċċettaw. (Dawn id-dettalji qed noħodhom mill-ktieb tiegħu *Senglea During the Second World War*). Malli huma aċċettaw, raw kif għamlu biex iġibu lura l-istatwa minn Birkirkara. U hekk sar. Malli waslet poġġewha f'dik il-parti tas-sagristija li kienet għadha wieqfa u mbagħad, minn hemm, ħaduha San Flippu bil-purċissjoni. Imma t-taqtigħ il-qalb u l-biża', jgħidilna l-Arċipriet, ma spiċċaw qatt. Infatti fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Settembru, billejl instemgħu xi ajruplani. Nistgħu nimmaġinaw kemm ħabbtet tgħaġġel qalb l-Arċipriet. Imma dan ma kienx ħlief xi ajruplan tat-tikxif. U sebaħ Jum il-Vitorja. F'kull sens.



*Il-Kan. Dun Emmanuel Brincat, l-Arċipriet tal-Isla fiż-żmien it-Tieni Gwerra Dinjija*

Malli sebaħ it-8 ta' Settembru kienu ġa bdew jiġru xi xnigħat li l-Italja jew kienet ċediet jew waslet biex iċċedi. *Wishful thinking?* Tqaddset il-quddies fit-tifrik tal-parroċċa bla ma nqala' xejn. Komplew jiġru xnigħat

persistenti li l-Italja kienet ċediet. Wieħed raġel resaq lejn l-Arċipriet u fesfislu f'widnejh li veru l-Italja ċediet. Sadattant l-Arċipriet wasslitlu ittra mibgħuta mill-Admiral Superintendent tat-Tarzna. Kienet tgħid hekk:

*Rev. Sir,*

*The Admiral Superintendent would like you to know that the Italian Armed Forces have surrendered unconditionally today and he feels that it is a great tribute to Malta that this has taken place on the occasion of the feast of our Lady of Victories.*

*Your obedient servant,*
*Deputy Secretary.*

Dan il-messaġġ ingħata mill-Arċipriet minn fuq il-pulptu tal-Knisja ta' San Filippu. M'għandniex xi ngħidu li l-aħbar ġriet ma' Malta kollha mill-ewwel.

Jien dakinhar kont mort l-Isla m'ommi. U ħadd, ħlief dawk li kienu hemm ma jistgħu jippruvaw jifhmu s-sitwazzjoni tax-Xatt tal-Isla. Mijiet ta' Sengleani li ġew lura jibku bil-ferħ. Ferħ ma jitfissirx minn dawk li għal tliet snin sħaħ ma kinux jafu hux se jaraw ix-xemx ta' għada. Bumbardamenti feroċi bla waqfien. Ġuħ, mard, diżastri kull fejn tara. U hawn, issa, konna qed naraw il-belt tagħna kif kienet saret. Ħerba waħda, muntanji ta' ġebel. U bkew doppjament. Bkew għal dik il-ħerba tal-biża', bkew għax raw djarhom meqrudin, bkew għax raw il-knisja borġ ġebel, bkew għax saru jafu b'kemm qraba, b'kemm ħbieb ma kinux se jarawhom aktar u bkew, speċi ta' kontradizzjoni, għax dan issa kien spiċċa. Ħlief il-vittmi li ma jerġgħux jiġu lura. U xħin il-Ħelwa Bambina waslet ix-Xatt, il-bastimenti kollha li kienu sorġuti fil-port, tefgħu s-*searchlights* tagħhom fuq il-Ħelwa Marija Bambina. L-istess *searchlights* li għal tliet snin sħaħ kienu jdawlu s-smewwiet biex ifittxu l-ajruplani li kienu jkunu ġew biex joqtluna. Xterdu gliegel ta' dmugħ, dmugħ ta' ferħ u dmugħ ta' niket. U bis-saħħa tal-Ħelwa Marija Bambina, għal darb'oħra l-Isla reġgħet ġiet dikjarata *Città Invicta*. U kien jixirqilha.


Telephone Box




• Mobile Phones
• Mobile Accessories
• Hi-Fi
• LCD's TV's
• DVD Players

Mobile
Repair Centre

66, St. Francis Street,
Cospicua, Malta
Tel: 2169 7580
Mob: 9940 9462 / 7940 9462

Best Prices Guaranteed
Prop. Joe Ghiller



